



Brussell, 22 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11927/21

Fajls Interistituzzjonali:
2020/0319(NLE)
2020/0348(NLE)

VISA 198
COAFR 240
MIGR 188

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni , tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea – Adozzjoni

1. Fid-9 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea¹, flimkien ma' abbozz ta' test tal-ftehim imsemmi fl-anness għal dik il-proposta², u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-istess ftehim³.

¹ 13864/20 VISA 136 COAFR 367 MIGR 172.

² 13864/20 VISA 136 COAFR 367 MIGR 172 ADD 1.

³ 13865/20 VISA 137 COAFR 368 MIGR 173.

2. Id-deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim⁴ ġiet adottata mill-Kunsill fit-22 ta' Frar 2021. Il-Ftehim⁵ ġie ffirmat fit-18 ta' Marzu 2021, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
3. F'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill għandu jadotta d-Deċiżjoni li tikkonkludi l-Ftehim wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
4. Fit-22 ta' Marzu 2021, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif ukoll it-test tal-Ftehim lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
5. Fis-16 ta' Settembru 2021, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim⁶ u ta struzzjoni lill-President tiegħu biex jibgħat il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika ta' Cabo Verde.
6. Id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE⁷. Għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
7. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

⁴ 5033/21 VISA 1 COAFR 4 MIGR 1

⁵ 5035/21 VISA 3 COAFR 6 MIGR 3.

⁶ P9_TA(2021)0378.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill:
- a) jadotta, bħala punt "A" tal-aġenda ta' waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif tinsab fid-dokument 5034/21;
 - b) jiddeċiedi li t-test tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali, serje "L", f'konformità mal-Artikolu 17(1)(d) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

Il-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
